**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)[1]**

**Vs**

**Giuseppe Azzopardi**

**Kump Nru: 503/15**

**Illum 5 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Giuseppe Azzopardi, iben il-mejjet Saviour u l-mejta Francesca xebba Bugeja imwieled Hal Lija nhar is-17 ta' Ottubru 1955 u joqghod 19, Connemara, Triq Pawlu Borg, Attard u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 753355M

Akkuzat talli fi Frar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda –

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex

[1] L-ufficcjal Prosekutur inkwistjoni beda jidher biss meta l-provi kienu diga' inghalqu

tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000), ghad-detriment tat-Tabib Gerald Buhagiar detentur tal-karta tal-identita' numru 269163M u ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-detriment ta' Carmen Azzopardi detentrici tal-karta tal-identita' numru 111064M;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000), ghad-detriment tat-Tabib Gerald Buhagiar detentur tal-karta tal-identita' numru 269163M u ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-detriment ta' Carmen Azzopardi detentrici tal-karta tal-identita' numru 111064M.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna illi l-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-artikoli hemm imsemmija.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018 inqraw l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Il-kaz jippernja dwar tlett ilmenti minn zewg individwi separati.

**Dr Gerald Buhagiar** irrapporta lill-Pulizija fi hdan l-Economic Crimes Unit fuq certu Joseph Azzopardi li kien jamministra u jmexxi l-kumpanija Bottega del Marmista. Dr Buhagiar sostna li huwa kien ordna irham partikolari minghand l-imputat u kien tah depozitu ta' €10,000, filwaqt li l-irham u t-twahhil tieghu kellu jkun ta' €13,000. Kellhom isiru xogholijiet gewwa zewg fondi – fis-Swieqi u Sliema. Dr Buhagiar irrapporta li l-imputat ma tahx l-irham miftiehem u x-xoghol ma kienx tajjeb u ma kienx tlesta. Huwa sostna wkoll li l-imputat kien ta l-ammont ta' LM4,000 lill-istess imputat – LM2,000 kull darba sabiex l-imputat jixtrilu zewg pitturi ta' Willy Apap u Inglott izda l-pitturi ma waslu qatt. It-Tabib Buhagiar irrapporta wkoll li l-imputat kellu ghandu wkoll diversi pitturi li jappartjenu lilu li kienu ghar-restawr, liema pitturi gew ritornati fil-fatt. Giet ghalhekk ipprezentata kwerela li abbazi taghha inhareg mandat ta' arrest u tfittxija li gie ezegwit u l-imputat kien irilaxxja stqarrija.

Fix-xhieda tieghu l-parte civile[2] qal li kien ilu jaf lill-imputat ghal diversi snin. Kien jixtri hafna pitturi jew minghandu jew fuq il-pariri tieghu. Peress li kien se jaghmel xi xogholijiet fir-residenza tieghu fis-Swieqi u f'appartament f'tas-Sliema talbu biex jissuplih bl-irham u x-xoghol lest. L-imputat mar ikejjel u qallu biex ghas-Swieqi juzaw Perlato Siciliano, filwaqt li ghal Sliema juzaw Bianco Carrara. L-imputat kien qallu li l-materjal kien se jqum tlettax-il elf euro. Ix-xoghol lest kellu jkun jew LM20 Maltin il-metru jew LM25 izda ma kienx cert. aktar tard fix-xhieda kkorega ruhu u qal li l-ftehim kien ta' LM25 ghall-materja prima. Xehed li marti kienet marret fil-bitha tal-imputat u gew immarkati l-blokok tal-irham. Aktar vicin iz-zmien tax-xogholijiet, l-imputat qallu li l-Perlato ma kienx se jigi sew u semmielu xi haga ohra li kienet aktar gholja, izda billi l-parte civile qallu li ma riedx jonfoq dawshekk, l-imputat qallu li kien se jzommlu bl-istess prezz daqs l-iehor.

Ix-xhud qal li waslet l-ewwel blokka u gie mqieghed ix-xoghol u kien jidher sabih. Meta kien se jkun hemm *delivery* ohra ma waslitx u l-imputat beda jgiblu hafna skuzi. Qal li kien ilu jinkwieta billi snin qabel kien taha lill-imputat LM4,000 ghal zewg pitturi li ma mmaterjalizzawx ruhhom. Ighid li darba mar ikellem lill-imputat li offrilu l-flus lura u jaqilghu kollox u l-parte civile qallu iva. Dan id-diskors sar quddiem certu Saviour

[2] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2015

Vella. Ighid li hallih madwar sena bid-dar miftuha ghall-elementi. Kompla jixhed li wasal fi stat li ma kellux bizzejjed materjal u l-materjal ma kienx jaqbel u qabbad lil xi haddiehor u dahal fi spejjez zejda izda m'ghandux ircevuti.

Ix-xhud jichad li d-depozitu ta' €10,000 kien biss ghall-fond fis-Swieqi, u qal li jekk wiehed jikkalkula bil-metragg ta' LM25 il-metru kwadru ma jitilghux €10,000 izda jitilghu ghal ftit anqas minn €8,000. Rigward il-pitturi, jixhed li fis-sena 2004 l-imputat qallu li kellu access ghal pittura ta' Willy Apap u kien se jixtriha minn Ruma. Tah LM2,000. Imbaghad kien qallu li l-pittura kienet waslet f'kundizzjoni hazina u ma waslet qatt ghandu. Sentejn wara, l-imputat qallu li kellu pittura ta' Inglott li kienet gejja minn barra u tah LM2,000. Skont kif qallu l-imputat, din il-pittura spiccat gewwa l-Laboratorju ta' Bighi tar-restawr u ma rahiex. Qal li beda jistaqsi lin-nies li kien semmielu l-imputat, li nesa x'jisimhom, u li qalulu li din il-pittura qatt ma kienet tezisti. Huwa semma pitturi ohrajn li jghid li ma kienux originali. Huwa hejja lista ta' pitturi jew arti li xtara matul is-snin bil-parir jew bejgh minn Giuseppe Azzopardi[3] u huma fil-pussess tieghu.

B'referenza ghall-email li kienet fiz-zmien li beda l-inkwiet tat-tqeghid tal-irham kellu numru ta' pitturi li kienu qeghdin ghand l-imputat ghal xi forma ta' restawr. Jallega li certu pitturi tahomlu aktar imhanzra, u li whud minnhom bieghomlu bhala originali u hallsu bhala li kienu originali izda mbaghad ma kienux. Huwa kien xtara pittura li l-imputat qallu li kienet ta' Willy Apap li hi fil-pussess tax-xhud li m'ghandhiex x'taqsam mal-flus li jsemmi li ta lill-imputat izda l-pittura ma waslitx.

Inkwantu ghal Dok RA 10 ix-xhud qal li dan ikopri l-flus li nghataw lill-imputat biex tinxtara l-pittura ta' Willy Apap fis-sena 2004. LM2,000 tahomlu fis-sena 2005/2006 biex tinxtara pittura ta' Inglott izda din ma waslitx.

Inkwantu ghal Dok RA7, ix-xhud ighid li huwa fehem li din l-ircevuta kienet ghal zewg postijiet, mhux ghal Swieqi biss ghax allura l-Perlato kien se jiswa d-doppju tas-suq. L-ammont globali pretiz minnu huwa ta'

[3] Dok RA8 u RA9

LM4,000 (€9,600) u €2,000 rapprezenatnti flus ghall-irham li mhux kopert bl-irham supplit u t-tqeghid.

In kontro-ezami, it-Tabib Buhagiar xehed[4] li fid-dar tieghu ghandu zewg sulari sal-bejt. Bhala xoghol ta' rham fid-dar, hemm aktar minn tip wiehed ta' rham. Huwa qal li t-tarag – zewg sulari – sar bl-irham wkoll izda l-imputat qallu li kien lest li jipprovdilu l-irham u jaghmilulu b'xejn ghax li kien ghax-xhud ghamlu tal-muzajk. Huwa xehed li t-tarag huwa eskluz mill-metru li semma. Mistoqsi kemm hemm metragg li tpogga bhala rham qal li hadem fuq l-ammont li hemm fil-pjan li jigi jiswa €8,500. Qal li LM 25 m.k kien jinkludi d-delivery, it-teqghid u l-polish apparti l-materjal. Tali ftehim kien verbali. Apparti l-madum li tqieghed, hemm ukoll madum fuq il-bejt. In-nies tqabbdu mill-imputat li l-flus tat-tqeghid tal-madum atl-bejt u tal-kamra tal-banju li kellu fit-tieni sular ix-xhud hallas lill-imputat biex dan ihallas lill-haddiema. Fuq t'isfel l-imputat qallu li ma kienx hemm ghalfejn ihallsu ghalihom ghax kien lest li jaghmilhomlu b'xejn.

Mistoqsi kienx ta flus ohra apparti l-€10,000 huwa wiegeb li ta flus ohra lill-imputat ghall-madum. Ighid li l-€10,000 kienu parti mid-depozitu totali ta' xi €13,000 li kienu saru bhala materja prima jigifieri mhux ghat-tqeghid u ghal *polish* u l-materja prima jigifieri jfisser biss il-blokok tal-irham li dawn kellhom ikopru l-pjan li ghandu d-dar is-Swieqi u kellhom ikopru wkoll appartament f'tas-Sliema. Wara li jitqieghed l-irham u jsir ix-xoghol kien se jifdal bhala spejjez u kienu se jhallsu ghalihom. Fic-cirkustanzi l-affarijiet iggravaw hafna u hass li ma setax aktar jafda lill-imputat. Inkwantu ghall-appartament f'tas-Sliema, il-prezz kien ta' LM25 m.k u kien hemm circa 200mk Bianco Carrara li kien inkluz fil-quote ta' €13,000 bhala materja prima, tqeghid u polish. Ighid ukoll li l-quote kienet ghall-materja prima, id-depozitu kien fuq il-materja prima u meta jitlesta x-xoghol jigi mkejjel u tithallas id-differenza.

In kontro-ezami[5] xehed li jista' jkun hemm madwar 155 mk fil-pjan tas-Swieqi eskluz it-tarag. Rigward il-kwadri li huwa xtara minghand l-imputat jew fuq parir tieghu jirreferi ghal-lista ezebita. F'seduta sussegwenti[6] spjega li huwa u l-imputat tlewmu fis-sena 2012. Madwar

[4] Seduta tat-18 ta' Novembru 2015
[5] Seduta tal-14 ta' Marzu 2016
[6] Seduta tad-19 ta' Novembru 2019

sena/sena u nofs qabel ma tlewmu kien xtara minghand l-imputat seba' kwadri. Semma li kien hemm kwadru minnhom li l-imputat kien tahulu ghat-tifla b'xejn li kopja tieghu minn fuq ebay kienet tiswa' ftit sterlini. Semma wkoll li bieghilu drawings li qallu li kienu originali ta' Cali izda meta rah persuna ohra qallu li ma kienux originali. Rega' tenna li tal-flus li tah fis-sena 2004 u 2006 il-pitturi ma tahomlux. Huwa kkonferma li ma mexxix kontra l-imputat civilment u ma baghat ebda att gudizzjarju[7].

**Keith Sciberras**[8] xehed li l-kumpanija Recoop Company Limited hija kumpanija involute

fil-process fil-konservazzjoni tal-opra tal-arti fejn il-klijent ikollu kwadru jew oggett fil-laboratorju tal-kumpanija, jigi llogjat, tinhareg card bid-dettalji tal-klijent, tinhareg evalwazzjoni ai fini ta' assigurazzjoni ecc. Mir-records tal-kumpanija qatt ma kien hemm cards fejn Giuseppe Azzopardi ha xi kwadri jew ittiehdu xi kwadri minghandu. Huwa qal li biex tkun konservatur irid ikollok il-lawrea. Il-kelma restawratur kienet tintuza' sa qabel 1998 b'mod legger. Huwa spjega li kull min huwa artigjan u kull min huwa kapaci fl-Arti minn zmien antik ukoll jirrestawra. In kontro-ezami spjega li l-kumpanija twaqqfet fis-sena 2004 u d-dipartiment fl-Universita' li huwa l-kap tieghu beda fis-sena 1988. L-ewwel *degree course* beda minn Bighi circa 1998/1999. M'hawnx registru ghaliex fil-prattika mhux *warranted.* Qabel l-istudenti kienu jgibu degree mill-Universita' u imbaghad imorru Firenze jew Ruma jew Londra u jaghmlu degree. Kien hemm Maltin li taht *sponsorship* jew tal-Gvern jew tal-Istituto Italiano di Cultura kienu jmorru jew Perugia jew Ruma jew Firenze biex jistudjaw ghal diploma. Qabel ma gew formalizzati mal-Universita', kien ikun hemm snin ta' apprentist. Malti anzjan li dak iz-zmien kien jaghmel l-apprentist jissejjah restaratur.

**Kenneth Gambin,** CEO Heritage Malta, xehed[9] li Giuseppe Azzopardi qatt ma ta pitturi lil Heritage Malta biex jigu restawrati u huwa mhux

[7] Ghalkemm in att jirrizulta li fit-18 ta' Jannar 2012 ix-xhud flimkien ma' martu baghtu ittra lil Joseph Azzopardi fejn talbuh irodd lura s-somma ta' €9,317.49 *liema ammont kien gie avvanzat lilek mill-mittenti bl-iskop ewlieni illi inti takkwista ghan-nom taghhom zewg pitturi tal-artisti William Apap u Anton Inglott u li inti sallum inqast li taqdi dan l-inkariku moghti lilek*
[8] Direttur Recoop Company Limited – fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015
[9] Seduta tat-18 ta' Novembru 2015

rikonoxxut bhala restawratur tal-arti. Bhala Agenzija tal-Istat persuna tigi rikonoxxuta bhala konservatur jew restawratur tal-arti min huwa gradwat biex jahdem hekk. Ir-records taghhom imorru lura minn meta bdiet Heritage Malta fl-2003. Qabel is-sena 2003 kien hemm id-dipartiment tal-Muzewijiet, izda Giuseppe Azzopardi mhux maghruf maghhom. Huwa spjega li n-nies li qabel kienu konservaturi mad-dipartiment tal-Muzewijiet illum huma l-konservaturi ma' Heritage Malta. Staqsihom u ma jafux b'Giuseppe Azzopardi. Pero' kkonferma li qatt ma kien hemm lista ta' restawraturi fid-dipartiment tal-Muzewijiet. Intalab ifittex hemmx records li Giuseppe Azzopardi kienx apprendist fis-snin 1973 sa 1975. Ix-xhud qal[10] li mill-verifiki li wettaq ma tezisti ebda informazzjoni fuq persuni li jkunu jmorru apprendisti fil-Muzew tal-Arti fis-snin sebghin.

**Stephanie Buhagiar**, mart Gerald Buhagiar, xehdet[11] li zewgha u l-imputat saru hbieb matul is-snin. Imbaghad kien se jtellghu sular iehor fid-dar tas-Swieqi u kellhom appartament f'Tas-Sliema u ddecidew li jaghmlu l-irham ghand l-imputat. L-irham kellu jkun €13,000 u tawh €10,000 depozitu. Hija kienet marret il-yard tieghu u wrieha x'irham abjad li kellu jkun ghal Sliema u mmarkah. Hija rat blokok kbar. Qalet li x-xoghol dam biex beda u meta beda l-materjal ma kienx qed jaqbel kollu. Waslu biex jaghmlu rapport lill-Pulizija minhabba li x-xoghol ma kienx sew u minhabba l-flus li kienu tawh ghal xiri ta' pitturi ta' William Apap u Inglott li pero' ma waslux.

F'dawn il-proceduri tqabbad il-Perit Mario Cassar li pprezenta r-rapport tieghu Dok MC[12]. Gie kkonstatat li l-materjal supplit kien irham tat-tip Botticine Reale u Rosa Alicante fil-livell tat-tieni sular, mentri t-tarag Perlato Sicilia Classico. Il-Perit fir-rapport tieghu jinnota li l-ftehim bejn il-partijiet rifless f'Dok SB1 jirreferi ghal supply biss u mhux supply and lay u minn tali dokument jirrizulta li r-rata kull metru kwadru hija ta' €38.23. Il-Perit Cassar ikkonkluda:

[10] Seduta tal-14 ta' Marzu 2016
[11] Seduta tal-14 ta' Marzu 2016
[12] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2016

*8. Illi gie fornut pavimentar tal-irham u sollijiet fil-livell tat-tieni sular, ta' arja superficjali ta' 118.39 metri kwadri, illi bir-rata ta' €38.23 jammontaw ghal €4526.04.*

*9. It-Tqeghid tal-istess pavimentar jammonta ghal €2657.*

*10. Illi gie fornut skirting li fih 37 metri b'0.1 metri gholi, jigifieri 3.7 metri kwadri illi bir-rata ta' €38.23 kull metru kwadru jammonta ghal €141.45. It-tqeghid jammonta ghal €129.5.*

*11. Illi gie fornut irham ghat-tarag illi ghandu arja superficjali ta' 15.93 metri kwadri illi bir-rata ta' €38.23 jammonta ghal €609.11.*

*12. It-tqeghid tal-istess tarag jammonta ghal €1080.*

Il-Perit Cassar innota wkoll li ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafu tlettax tar-rapport tieghu l-fornitura tal-materjal ma hallietx illi x-xoghol jitqieghed skont is-sengha u l-arti. Huwa nnota wkoll li skont Dok SB1 jirrizulta li r-rata ghal kull metru kwadru ta' €38.23 hija rata kemmxejn baxxa ghal dan it-tip ta' materjal.

In eskussjoni[13] il-Perit Cassar spjega li normalment ir-rata tal-materjal jekk tkun ta' kwalita' tajba tkun id-doppju. Il-Perit qal li huwa stma l-materjal bit-€38 li kieku l-materjal tqieghed kif suppost. Ikkonferma li Bianco Carrara ma kienx hemm fis-Swieqi. Xehed ukoll li l-materjal li sab fuq is-sit huwa mill-anqas id-doppju ta' €38 m.k.

**Carmen Azzopardi** tghid[14] li hija kienet ordnat l-irham minghand l-imputat li b'kollox kellu jiswa xi €6,000, hija kienet tatu €3,000 depozitu izda l-irham ma wasalx u b'hekk ghamlet rapport lill-Pulizija. Imbaghad meta kienu l-Qorti hekk kif bdew il-proceduri, l-imputat taha l-flus u dan kien fis-sena 2013.

**Saviour Vella** xehed[15] li flimkien mal-imputat kellhom kumpanija li timporta l-irham jisimha Bottega del Marmista. Ix-xhud kien biss shareholder fil-kumpanija. Din il-kumpanija kienet titmexxa minn Giuseppe Azzopardi. Ix-xhud ighid li ma kienx involut fin-negozju bejn it-tabib Gerald Buhagiar u Bottega del Marmista. L-imputat kien semma lit-Tabib Buhagiar u qallu li kien habib tieghu biex jaghtuh prezz tajjeb u

[13] Seduta tal-4 ta' Novembru 2017
[14] Seduta tat-23 ta' Novembru 2016
[15] Seduta tat-23 ta' Novembru 2016

x-xhud qallu biex jirranga huwa. Huwa pprezenta invoices tal-materjal li l-kumpanija tirċievi[16]. Huwa ftakar li xi darba kien prezenti ghal xi argument bejn l-imputat u t-tabib Buhagiar izda ma jiftakarx fuq xhiex.

**L-imputat** xehed[17] li huwa sar jaf lit-tabib Buhagiar madwar dsatax-il sena qabel billi kien mar ghandu bhala pazjent. Dr Buhagiar urih il-hajra li jixtri xi kwadri u l-imputat qallu li huwa kien ghamel kors il-Muzew Nazzjonali u kien anki mar jistudja barra minn Malta. Ighid li qatt ma hares lejn interessi ta' flus matul il-hbiberija taghhom. Spjega li l-parte civile gie bzonn l-irham u l-imputat qallu li kellu Travertin. Dan qallu li riedu ghal gewwa u l-imputat semmilu l-Perlato Sicilia. Kellu blokka sabiha, ghogob lil mart it-tabib u ftehmu prezz ta' €38. Ghadda z-zmien u kien kwazi wasal il-materjal u waslet konsenja ohra blokk shih ta' materjal jismu Botticino Classico jew Botticino Reale li huwa aktar superjuri u meta l-parte civile rah ghogbu u l-imputat qallu li kien se jtih dak flok il-Perlato Sicilia minhabba l-hbiberija taghhom u li Salvu Vella, is-sid tal-Bottega del Marmista ma kienx se joggezzjona u fil-fatt hekk gara.

Ikompli li fil-frattemp it-tabib Buhagiar xtara dar f'Tas-Sliema u ried Bianco Carrara u tkellmu dwarha pero' inqala' intopp mal-Awtorita' tal-Ippjanar ghax sab difett strutturali fil-faccata u l-gallarija u l-parte civile qallu biex jinsieh u fil-fattura nizzillu Bianco Carrara izda m'ghamilx prezz jew totalita' ta' materjal izda biss il-materjal li qablu dwaru.

Ix-xoghol kien jitqatta' mill-kuntrattur kif mitlub mill-klijent. F'nofs triq it-tabib Buhagiar talbu biex jaghmel faxxa b'kulur iehor. L-imputat qallu li dak il-materjal l-ahmar kien jiswa' erba' darbiet aktar izda xorta akkomodah. Darba minnhom hadulu l-materjal u martu cemplet lill-imputat biex jara min kien hadilha d-*dustbin.* Huwa wegibha biex ma toqghodx tkellmu fuq dawn il-hmerijiet ghaliex ikollu x'jaghmel u li huwa ma setax ikun jaf min seraqulha. Minn hemm ma baqghux jitkellmu. Ix-xoghol baqa' miexi u Mark Spiteri, tile layer, qallu li kollox kien mar sew.

Ftit qabel l-episodju mal-mara, it-Tabib Buhagiar talbu biex isiblu lil xi hadd biex jaghmillu zewg sulari tarag muzajk tradizzjonali Malti. Qallu li ma kienx jiflah biex ihallas ghal irham u l-imputat offrilu li jaghmillu t-

[16] Dok SV.
[17] Seduta tat-8 ta' Mejju 2019

tarag bl-irham b'xejn u hekk sehh. Tah b'madwar €1,000 materjal u inoltre' kien hemm xoghol iehor li baghtet haddiem ipoggi l-madum u l-imputat ma hadlux flus. Imbaghad l-parte civile beda jgergirlu fuq dewmien u fuq il-qies tal-madum li ma kellux ikun minhabba li dak isir b'magna kompjuterizzata izda sar jaf li l-qisien tbaghbsu fuq il-lant tax-xoghol. Xehed ukoll li peress li l-irham huwa materjali naturali u l-geofizika tieghu tista' tibdel il-pigmentazzjoni minn 20 sa 25% tas-surface area ta' kull folja. Bhala flus tah €10,000. Bhala materjal u xoghol relatat ghandu b'madwar €11,260.

Inkwantu ghall-kwadri qal li kellu l-kwadri d-dar ghandu u tahomlu. Qal li matul is-snin xtralu madwar 110 kwadru. Tah ukoll pariri. Inkwanti ghall-flus li tah ighid li dawn qeghdin ghand il-parte civile wiehed fil-kamra tas-sodda u l-iehor isfel fil-kurutur. L-imputat xehed li apparti li ghandu l-advanced level fl-arti, ghallem ghal sbatax-il sena l-iskola tal-Arti f'Targa Gap, studja gewwa Carrara, attensa lectures ta' Patri Zerafa u kien mar volontier fil-Muzew Nazzjonali fis-sena 1974 fejn kienu jitghallmu t-teknika tar-restawr u l-istorja tal-Arti taht Maurice Cordina u spjega fid-dettall fuq liema kwadri hadem f'dawk iz-zminijiet.

In kontro-ezami l-imputat ikkonferma li n-negozju mieghu sar. Spjega li apparti li ssuplih bil-materjal, ingab high up darbtejn, tat-tqeghid thallsu minn butu, ghoroklu kullimkien u dan kollu mis-somma li tah. B'kollox €11,260. L-€10,000 tahomlu bhala depozitu u kien jaf li ried ikun hemm bilanc favur l-imputat. Il-€11,260 hija l-istima finali tax-xoghol li sar li jinkldi t-tqeghid, il-polishing, il-krejn u kollox. Huwa qatt m'ghaddielu l-ammont globali billi Salvu Vella qallu biex ma jghidlu xejn. Spjega b'referenza ghal Dok SB1 li fejn hemm miktub Bianco Carrara hdejh m'hemmx prezz. L-imputat spjega li wera lill-ufficcjal prosekutur xi ghaxar kotba tal-klijenti fejn huma jaghmlu prezz hdejn il-materjal fl-istess linja. Qabel li kien hemm imnizzel zewg blokok izda l-prezz kien ta' blokka wahda. Huwa qal li €13,000 imsemmija kien jinkludi *the finished product.* Ma hargitx invoice ohra.

**Maurice Cordina** xehed[18] li ghal madwar 37 sena kien restawratur il-Muzew u spicca bhala *senior restorer.* Huwa xehed li Giuseppe Azzopardi kien wiehed mill-voluntiera li kienu jghinu fix-xoghol ta' restawr tal-

[18] Seduta tat-3 ta' Lulju 2019

Muzew. Ma kienx hemm korsijiet ta' restawr. Giuseppe Azzopardi kien dam mhux hazin imur, imbaghad ha xi *scholarship* mill-Ambaxxatur Taljana u mar jistudja barra fuq irham. Wara tali *scholarship* ma kellux aktar kuntatt ma' Giuseppe Azzopardi.

**Alfred Briffa** xehed[19] li huwa pittur u restawratur, studja Ruma u Ravenna u dam 8 snin jahdem mal-Muzew. Huwa kien imur volontier mal-Muzew Fine Arts u l-imputat kien imur ukoll. Kienu jaghmlu x-xoghol ta' restawr. **Joseph Mangion** xehed[20] li kien bieghilu xi sketch ta' Giuseppe Cali' lill-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok l-imputat irrilaxxja stqarrija minghajr ma kien assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni tieghu.

Din il-Qorti se tirreferi ghal gurisprudenza recenti moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Jannar 2021 u fl-istess gurnata mill-Qorti Kostituzzjonali.

Fuq naha l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**[21] gie deciz li l-istqarrija ma kellhiex tigi estromessa mill-atti meta t-talba ghal sfilz kienet ibbazata fuq allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq izda mhux xi artikolu tad-dritt penali li jirregola l-evidenza.

Imbaghad fil-kawza **Clive Dimech vs Avukat Generali**[22], il-Qorti Kostituzzjonali rreferiet ghall-principju li ma jistax jitqies li hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq f'kazijiet bhal dawn qabel ma jintemm il-process penali, izda tenniet li stqarrija mehuda minghajr assistenza legali waqt l-interrogazzjoni f'cirkostanzi fejn il-Ligi ma kinitx taghti dak id-dritt hija difett procedurali u kwindi m'ghandhiex tintuza bhala prova fil-process penali.

Tenut kont tad-decizjonijiet mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali din il-Qorti tqis l-istqarrija ghandha tigi skartata u l-Qorti ghalhekk mhiex se tiehu konjizzjoni taghha.

---

[19] Seduta tat-3 ta' Lulju 2019
[20] Seduta tat-3 ta' Lulju 2019
[21] Kif ukoll fil-kawzi Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello u Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et
[22] Fuq l-istess binarju fil-kawza fl-ismijiet Morgan Onouorah vs L-Avukat tal-Istat

L-imputat jinsab addebitat bir-reati ta' frodi u mizapproprjazzjoni.

Sabiex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti[23].

Illi imbaghad skont gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

---

[23] Pulizija vs Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Dicembru 2017

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

*Tornando* ghall-kaz odjern, inkwant ghal dak li jirrigwarda l-kaz fil-konfront ta' Carmen Azzopardi ma ngabux provi sufficjenti min-naha tal-prosekuzzjoni li jistghu jwaslu lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra jekk l-elementi li jsawru r-reati ta' frodi u/jew mizapproprjazzjoni gewx sodisfatti o meno. Kull ma ngabet bhala prova hija x-xhieda skarna ta' Carmen Azzopardi li xehdet li hija kienet ordnat l-irham minghand l-imputat, li dan ma wasalx, sar rapport mal-Pulizija u meta kienu l-Qorti hallasha l-flus lura. Xehed ukoll l-ufficcjal prosekutur izda li certament ma tistax twassal ghal sejbien ta' htija.

Inkwantu ghal dak li jirrigwarda t-tabib Buhagiar l-ilment jitratta dwar zewg sitwazzjonijiet differenti ossija (i) ix-xiri u t-tqeghid tal-irham; u (ii) il-flus li nghataw lill-imputat sabiex jinxtraw zewg pitturi. Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

- L-imputat u t-Tabib Buhagiar kienu ilhom hbieb snin twal.

- Mhux kontestat li fil-5 ta' Marzu 2009 il-konjugi Buhagiar hallsu depozitu ta' €10,000 ghal xiri ta' rham u l-ircevuta harget fuq Bottega

del Marmista Limited. Il-ftehim sar bejn it-Tabib Buhagiar u l-imputat Giuseppe Azzopardi.

- Fuq l-invoice ezebit bhala Dok RA7 hemm indikat zewg tipi ta' rham li kienu qed jigu ordnati – Bianco Carrara – 220mk; u Perlato Sicilia - 120MK. F'din l-ircevuta hemm indikat bhala ammont €13,000.

- Il-partijiet jaqblu li fil-ftehim ir-rata ta' LM25 m.k kienet tirrigwarda l-materja prima, tqeghid u polish.

- Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu ftehmu fuq zewg tipi ta' rham ghal zewg fondi separati – wiehed ghar-residenza tal-konjugi Buhagiar u l-iehor ghal appartament ta' proprjeta' taghhom f'tas-Sliema.

- Irrizulta li l-ewwel xoghol kellu jsir fir-residenza tas-Swieqi. Ghalkemm il-ftehim kien biex jigi supplit Perlato Sicilia izda gie supplit Botticino Reale u Rosa Alicante ghall-istess prezz originarjament miftiehem ghal Perlato Sicilia nonostante li bhala prezz jiswa aktar.

- Il-madum tqieghed fis-Swieqi izda l-allegazzjoni hi li mhux ta' kwalita' tajba li ma tqeghidx skont is-sengha w l-arti.

- Mir-rapport tal-Perit Tekniku irrizulta l-pavimentar tal-irham u sollijiet kien fih arja superficjali ta' 118.39 m.k. L-iskirting – 3.7 m.k li b'kollox inkwantu ghal prezz skont ir-rata miftehma u t-tqeghid jammonta ghal €7,454. Bit-tarag u t-tqeghid tieghu l-ammont jitla' ghal €1,689.11 izda l-partijiet kienu ftehmu li t-tarag kien se jkun b'xejn.

- L-irham ghat-tarag u t-tqeghid tieghu se jigi eskluz minn din il-Qorti tent kont li l-partijiet ftehmu li ma kienx se jkun hemm ebda hlas ghalih.

- L-imputat fix-xhieda tieghu sostna li meta tqis kollox inkwantu ghal materjal, tqeghid, finishing u high up it-total gie ftit aktar minn €11,000. Ma gewx prezentati ricevuti tal-high up u tal-hlas li sar lill-

haddiema izda l-Perit Tekniku ta l-valutazzjoni tieghu dwar it-tqeghid li ma gietx kontestata.

- Illi apparti l-fatt li l-imputat isostni li huwa dejjem agixxa bhala li huwa impjegat mas-socjeta' Bottega del Marmista. Il-Prosekuzzjoni ma resqitx rapprezentant tal-MBR bhala prova dwar din il-kumpanija nonostante li l-invoice mahruga lill-parte civile Buhagiar hija ntestata fuq isem din is-socjeta'. Meta xehed Salvu Vella dan qal li l-imputat jamministra is-socjeta' inkwistjoni.

- Jirrizulta li l-imputat dejjem kien jinnegozja huwa u ma jirrizultax li kienet qed issir distinzjoni  minnu, hlief ghall-fattura rilaxxjata.

- Biss pero' f'dan il-kaz dan huwa punt akkamediku billi fil-kaz inkwistjoni l-Qorti ma tqisx li l-elementi li jsawru l-frodi jew mizapproprjazzjoni jirrizultaw.

- Ma tirrizulta l-ebda messa in xena min-naha tal-imputat u gie stabilit li materjal tpogga u l-istess jinghad ghall-elementi li jsawru r-reat ta' mizapproprjazzjoni.

- Inkwantu ghall-appartament f'Tas-Sliema kienu l-parte civile li waqqfuh. Il-Qorti mhux konvinta li t-€13,000 indikati fl-invoice kienu qed jirreferu wkoll ghall-appartament f'Tas-Sliema u dan tenut kont li l-metragg ma kienx wiehed zghir. Oltre dan lanqas ma jista' jintesa li apparti l-materja prima kien hemm ukoll t-tqeghid tal-madum u spejjez ohra li verament ma gewx ipprezentati ricevuti izda huma spejjez li generalment ikunu mehtiega meta jkun se jsir xoghol bhal dak li sar.

- Inoltre l-Qorti tqis li din il-kwistjoni hija wahda ta' natura civili. Il-fatt li x-xoghol ma sarx kif mixtieq u li l-imputat seta' ma tahomx bilanc zghir li kien fadal mid-depozitu moghti lilu jekk effettivament dan kellu jkun il-kaz ma jfissirx li twettaq reat.  Ma giex ippruvat infatti li l-imputat kellu l-intenzjoni li jiffroda jew altrimenti jimmizapproprja lill-parte civile.

- Inkwantu ghall-flus li l-parte civile taw lill-imputat biex jixtri l-kwadri, mhux kontestat li l-imputat ircevihom biex jixtru zewg kwadri ghalihom. Id-difiza ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni inkwantu ghal dawn il-flus billi jirrizulta li l-ewwel Lm2,000 thallsu lill-imputat permezz ta' cekk datat 30 ta' Awwissu 2004[24] u l-istess ammont thallas lilu fis-sena 2005/2006.

- Illi se ssir referenza ghall-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien relevanti li kien jistipula li *"meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn elf lira Maltin, il-piena tkun ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin".*

- L-artikolu 688( c) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni *"bl-eghluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin".*

- L-akkuzi gew prezentati fir-Registru fit-22 ta' Gunju 2015. Ma jirrizultax meta l-imputat gie notifikat iza fis-7 ta' Ottubru 2015 l-imputat deher quddiem il-Qorti tant li l-akkuza nqrat bil-gurament.

- Biss pero l-Qorti jehtiegilha tirreferi wkoll ghal dak li jipprovdi l-artikolu 693(1) u (2) tal-Kodici Kriminali ossija:

  *693. (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att talproċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.*

  *(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat talarrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.*

- *Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joe Scicluna" ( [27.4.2000]; Kollez Vol. LXXXIV , p. iv. p.228), meta cahdet appell tal-Avukat Generali simili, ghall-finijiet tal-artikolu 693 (2) tal-Kodici Kriminali sabiex mandat t'*

[24] Dok SB1 a fol 85 tal-process

*arrest (f' dal-kaz kienet citazzjoni ) ikollu l-effett tal-ksur tal-preskrizzjoni, jrid ikun esegwit posittivament billi l-imputat ikun gie nnotifikat bih, assumendo dejjem li l-imputat ikun baqa' Malta u sakemm ma jigix ippruvat mill-prosekuzzjoni li ma setghetx tinnotifikah ghaliex irrizultalha li kien qed jistahba jew li telaq minn Malta. "Mhux bizzejjed ghalhekk li l-prosekuzzjoni tghid u tallega li limputat ma setax jigi nnotifikat ghaliex ma nstabx, u dana minghajr lanqas biss almenu tressaq xi prova guramentata biex turi ghaliex ma kienx instab"*[25] *. Ara wkoll f' dan is- sens l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Patrick Cole" [19.10.2006]*[26]*.*

- Ghalhekk fid-dawl tal-fatt li kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat fis-sena 2012 li gie ezegwit, din l-allegazzjoni li tirreferi ghas-snin 2004/2005/2006 mhiex preskritta. Ghalkemm din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li l-parte civile ma kien specifiku xejn inkwantu meta xehed li ghadda l-LM2,000 lill-imputat in kontanti. Halliha d-data vaga, mhux specifika u lanqas is-sena mhi accertata. Dan huwa pregudizzjevoli ghall-imputat u tikkreja nuqqas ta' certezza partikolarment minn meta l-perjodu preskrittiv jista' jitqies li beda jiddekorri. Fil-kaz odjern pero' billi t-terminu preskrittiv huwa ghaxar snin u l-mandat ta' arrest gie ezegwit fis-sena 2012 kien hemm l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u l-perjodu rega' beda jiddekorri u l-imputat gie notifikat bl-akkuzi fis-sena 2015 u kwindi entro t-termine.

  Illi stabilit dan, il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg versjonijiet dijametrikament opposti. Il-parte civile jsostni li l-imputat ma tahx il-pitturi li kellu jtih; filwaqt li ma jichadx li rcieva l-flus minghand il-parte civile huwa jsostni li z-zewg kwadri li xtara b'dawn il-flus jinsab fir-residenza tal-parte civile. L-imputat, li ghazel li jixhed, li esebixxa xi ricevuti jew xi prova sal-grad tal-probabbli li l-kwadri qeghdin ghand il-parte civile. Min-naha l-ohra jirrizulta li wara li l-parte civile kien ghadda dawn il-flus lill-imputat u skontu l-kwadri ma waslux, huwa baqa' jixtri l-kwadri minghand jew tramite l-pariri tal-imputat.

[25] 2 Il-Pulizija (Maggur John Engerer) Vs Carmvic (Carmel-Victor) Buontempo deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fis-16 ta' Novembru, 2009
[26] Il-Pulizija vs Joseph Debono Grech deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Jannar 2018

Mizapproprjazzjoni ma tistax tirrizlta fi kwalunkwe kaz u dan billi kif inhu maghruf *"mhuwiex l-uzu tal-ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan".* (Pulizija vs Joseph Muscat, Qorti Kriminali Inferjuri – 3/03/1997).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Said[27],** il-Qorti tenniet wara li rreferiet ghal diversi sentenzi li *"il-Qorti tenniet wara li rreferiet ghal sentenzi, manifest illi r-reat tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat mal-mument li ssir l-inversjoni tal-pussess tal-oggett mobbli u cioe f'dak il-mument illi l-awtur tar-reat jikkonverti dak l-oggett ghall-uzu tieghu bhala s-sid tal-istess. Minn dan l-agir jigi dezunt imbaghad l-element formali tar-reat meta l-awtur juri l-intenzjoni li zzomm jew juza l-oggett lilu fdat animo domini, daqslikieku kien tieghu".*

Ma ngabet ebda prova dwar l-uzu tal-flus inkwistjoni li seta' sar mill-imputat.

- Inkwantu ghall-imputazzjoni tal-frodi, il-prosekuzzjoni tallega li l-imputat ippoza ta' espert fl-arti. Din il-Qorti certament mhux il-kompitu taghha li tiddeciedi dwar l-expertise o meno tal-imputat fl-arti. Huwa minnu li mhux rikonoxxut minn Heritage Malta bhala restawratur, izda dan huwa spjegabbli billi huwa ma attendiex fl-Universita' ta' Malta. Biss irrizulta li kien ghal xi snin imur volontier il-Muzew tal-Arti u jaghmel xoghol fuq kwadri. Ighid ukoll li mar korsijiet barra minn Malta. Il-parte civile jammetti li dam snin shah jixtri tramite l-pariri tal-imputat jew minghandu u ma jidhirx li l-ilment jirrigwarda hafna mill-bicciet xoghol tal-arti li huwa xtara.

- Mhux kontestat li l-flus ghaddew izda fil-fehma tal-Qorti l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u parte civile ma jilhqux il-grad tal-prova necessarju ghal sejbien ta' htija, anki ghaliex nonostante dak li xehed il-parte civile wara s-snin imsemmija huwa baqa' jixtri minghand l-imputat w allura l-mistoqsija tigi wahedha – kif jista' jkun li baqa' jafdah?

[27] Qorti Kriminali Inferjuri deciza fit-30 ta' Settembru 2020

- Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u ghall-insenjamenti fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Raymond Xerri**[28]. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat qatt ma seta' jinstab hati inkwantu si trattava ghal dawn il-flus u dan billi harsa lejn l-imptazzjoni, l-imputat gie addebitat bil-kummissjoni tar-reati *"fi Frar 2012 u fix-xhur u snin ta'qabel"*, izda meta jinghad *"snin ta' qabel"* dan ma jistax ifisser ghal seba' jew tmien snin qabel kif qed jigi pretiz. Semmai kellu jigi specifikat liema kienu s-snin inkwistjoni fic-citazzjoni, mhux mitfugha hekk biex forsi jirrizulta xi haga.

Ghaldaqstant l-imputat mhux se jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

[28] Seduta tas-26 ta' Jannar 2017 deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali